MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1742/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Charmaine Grech abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Charmaine Grech (558376(M))**

**vs**

**Saviour Zammit u Carmel Bezzina u b'digriet tas-16 ta' Novembru, 2004 gie kjamat in kawza John Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Settembru, 2004 fejn intalab illi l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u sitta u**

**hamsin centezmu (Lm1262.56) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Charmaine Grech assigurata tas-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ elf mija u sebgha u tletin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm1137.56), is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125.00) l-istess Charmaine Grech in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta’ Frar 2003 ghall-habta tat-3am gewwa Triq Bahar-ic-Caghaq, Bahar-ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attrici Charmaine Grech, bin-numru ta’ registrazzjoni DBI-658 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Saviour Zammit bin-numru ta’ registrazzjoni LCF-916 u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KAO-802 misjuqa minn Carmel Bezzina, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta’ Gunju, 2004, tal-mandati Kawtelatorji u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Middlesea Insurance plc (polza konkluza tramite l-agent taghhom Allcare Insurance Agency Limited), u l-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-21 ta’ Gunju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Saviour Zammit prezentata fit-30 ta’ Settembru, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi fl-incident in kwistjoni mertu tal-avviz, l-eccipjenti ma kienx qed isuq ebda vettura minn dawk involuti.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra r-risposta tal-kjamat in kawza John Zammit prezentata fit-3 ta’ Frar, 2005, fejn intqal illi t-talbiet**

**attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, u dana kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Carmel Bezzina prezentata fit-3 ta' Marzu, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici u/jew l-konvenut l-iehor Saviour Zammit, u dana stante illi l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza sehh biss u tort unikament tal-imsemmija Charmaine Grech u/jew Saviour Zammit minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tal-istess Charmaine Grech u/jew Saviour Zammit, izda certament mhux b'tort tal-konvenut Carmel Bezzina, li kien anki gie liberat minn akkuzi ta' sewqan prikoluz u negligenti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fir-rigward tal-istess incident imsemmi, kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' dina l-kawza.**
**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub ta' elf mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm1262.56) huwa wiehed eccessiv u esagerat, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Saviour Zammit, PS226 Paul Bonanno, Charmaine Grech, John Zammit, Carmel Bezzina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**
**Ra li skond il-verbal tat-28 ta' April, 2005, gie dikjarat li l-konvenut Carmel Bezzina mhux qed jikkontesta l-kwantum tad-danni**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-2 ta' Frar, 2003, fi Triq Bahar-Ic-Caghaq, f'Bahar-ic-Caghaq, bejn il-vettura tal-attrici numru DBI-658, u dik misjuqa minn John Zammit bin-numru LCF-916, u l-**

**vettura misjuqa kinn Carmel Bezzina bin-numru KAO-802.**

**2. Il-konvenut Saviour Zammit ma ghandu ebda locus standi fil-gudizzju, peress illi kien ibnu John Zammit li kien qed isuq.**

**3. Skond ir-Road Accident Report esebit Dok.RF1, l-attrici kienet qalet li waqt li qed issuq fuq il-“Coast Road” fid-direzzjoni ta’ St. Andrews, meta giet fil-liwja, indunat li l-vettura ta’ Bezzina li kien qed isuq quddiema bidet tisswervja ghall fuq in-naha l-ohra tat-triq, laqtet il-vettura ta’ Zammit li kienet gejja mid-direzzjoni opposta, u Zammit spicca laqat lilha. Dana hu konfermat minn Zammit li jispjega li biex jipprova jevita l-impatt mal-vettura ta’ Bezzina spicca habat mal-attrici. Bezzina jghid li kien Zammit li invada il-karregata tieghu.**

**4. Mill-istess rapport tal-pulizija jirrizulta li l-vettura ta’ Bezzina kellha brake marks twal erbatax-il metru. Jirrizulta wkoll li kien sar Breathalyser test fuq il-konvenut Bezzina, li rrizulta pozittiv.**

**5. Fid-deposizzjoni taghha l-attrici tikkonferma dak li qalet fir-road accident report. Tispjega li l-vettura ta’ Bezzina li kienet quddiema bdiet tisserpeggja, qiesu tilef il-kontroll, laqat lil Zammit li baqa’ diehel fiha. Tispjega li l-hsara taghha kienet minn nofs ghall-genb fuq il-lemin. Hi tikkonferma l-iskizz a fol.33 tal-process. In kontro-ezami qalet ukoll li Bezzina kien spicca fil-karregata l-ohra u b’hekk laqat lil Zammit. L-attrici tispjega ukoll li fl-ebda mument ma hi laqtet lil Bezzina.**

**6. John Zammit xehed li kien ghaddej b’xi 45kfs, u meta ntlaqat ma setghax jikkontrolla l-karrozza. Bid-daqqa qalalu r-rota u ma setax izomm il-brake u baqa diehel fl-attrici. Zammit qabelk mal-iskizz esebit a fol.33 tal-process.**

**7. Il-konvenut Bezzina jghid li kien Zammit li skiddja u baqa diehel fih. Hu jsostni li kien fil-karregjata tieghu. Il-hsara ta’ Bezzina kienet fil-mudguard tal-lemin ta’ quddiem u fir-rota ta’ quddiem.**

**8. Mill-kumpless tal-provi ma jirrizultax dak li qed jghid il-konvenut Bezzina, cioe li kien il-kjamat in kawza li skiddja u invadilu l-karreggata. Li Bezzina**

**kien qed jisserpeggja u qiesu tilef il-kontroll jinsab ribadit sija mill-attrici kif ukoll mis-sewwieq John Zammit. L-attrici kienet cara hafna dwar kief sehhet il-kollizzjoni, cioe` li kien Bezzina li invada il-karregata tal-kjamat in kawza, u mhux vice versa. Inoltre jirrizulta li Bezzina kien sarlu breatalyser test li kien pozittiv, u dan ikompli isahhah it-tezi li l-istess Bezzina ma kienx qed isuq bid-degita diligenza, u lanqas ma kellu kontroll fuq il-vettura, tant li meta tilef il-kontroll habit fil-vattura ta' Zammit, li spicca habit mal-vettuar tal-attrici. It-Tribunal fic-cirkostanzi ma jsib ebda tort ghall-akkadaut fil-kjamat in kawza John Zammit, izda jsib li responsabbli ghall eventwali kollizzjoni kien unikament il-konvenut Bezzina, li bl-impatt tieghu mal-vettura ta' Zammit, tellef il-kontroll lill-istess.**
**9. Jigi rilevat li l-kwantum tad-danni ma hux kontestat (verbal tat-28 ta' April, 2005).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jillibera lill-konvenut Saviour Zammit mill-osservanza tal-gudizzju, jiddikjara lill-konvenut Carmel Bezzina unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u sebgha u tletin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm1137.56), u lil Charmaine Grech is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-21 ta' Gunju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Gunju, 2004, tal-mandati Kawtelatorji u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Middlesea Insurance plc (polza konkluza tramite l-agent taghhom Allcare Insurance Agency Limited), ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Carmel Bezzina, eskluzi pero' l-ispejjez tal-konvenut Saviour Zammit li ghandhom jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------